DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/309/PESK

tat-28 ta' Mejju 2014

li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK ([1]).

(2) Il-miżuri restrittivi stabbiliti fid-Deċiżjoni 2013/255/PESK japplikaw sal-1 ta' Ġunju 2014. Abbażi ta' rieżami ta' dik id-Deċiżjoni, dawk il-miżuri restrittivi għandhom jiġu estiżi sal-1 ta' Ġunju 2015.

(3) Żewġ persuni u entità waħda ma għandhomx jibqgħu jinżammu fuq il-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(4) L-informazzjoni marbuta ma' ċerti persuni u entitajiet elenkati fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK għandha tiġi aġġornata.

(5) Id-Deċiżjoni 2013/255/PESK għalhekk għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2013/255/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 34 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 34*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-1 ta' Ġunju 2015. Hija għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti. Tista' tiġġedded, jew tiġi emendata kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ntlaħqux.";

(2) L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Mejju 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

E. VENIZELOS

([1]) Deċiżjoni 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14).

ANNESS

I. Il-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt, kif ukoll l-entrati relatati, huma b'dan imneħħija mil-lista li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK:

A. **Persuni**

Nru 14. Asif Shawkat.

Nru 178. Sulieman Maarouf

B. **Entitajiet**

Nru 45. Syrian International Islamic Bank.

II. L-entrati li jikkonċernaw il-persuni elenkati hawn taħt, kif stipulat fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
71.	Bushra (بشرى) Al-Assad (الأسد) (magħrufa wkoll bħala Bushra Shawkat)	Data tat-twelid: 24.10.1960	Oħt Bashar Al-Assad u armla ta' Asif Shawkat, Viċi Kap tal-Persunal għas-Sigurtà u t-Tkixxif. Minħabba r-relazzjoni personali mill-qrib u r-relazzjoni finanzjarja intrinsika mal-President Sirjan Bashar Al-Assad, hija tibbenefika mir-reġim Sirjan u hija assoċjata miegħu.	23.3.2012
108.	Dr. Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) Al-Jleilati (الجليلاتي, جليلاتي)	Twieled: 1945; Post tat-twelid: Damasku	Ex-Ministru tal-Finanzi. Bħala ex-Ministru tal-Gvern jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	1.12.2011
152.	Dr. Qadri (قدري) (magħruf ukoll bħala Kadri) Jamil (جميل) (magħruf ukoll bħala Jameel)		Ex-Viċi Prim Ministru għall-Affarijiet Barranin u ta' Persuni li qed Jgħixu Barra minn Pajjiżhom. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
156.	Eng. Hala (هالة) Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) Al Nasser (الناصر)		Ex-Ministru tat-Turiżmu. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
158.	Eng. Subhi (صبحي) Ahmad (أحمد) Al Abdallah (العبدالله) (magħruf ukoll bħala Al-Abdullah)		Ex-Ministru tal-Agrikoltura u r-Riforma Agrarja. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
159.	Dr. Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Muhammad, Mohamed, Mohammed) Yahiya (يحيى) (magħruf ukoll bħala Yehya, Yahya, Yihya, Yihia, Yahia) Moalla (معلا) (magħruf ukoll bħala Mu'la, Ma'la, Muala, Maala, Mala)		Ex-Ministru tal-Edukazzjoni Għolja. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
161.	Dr. Mohamad (محمد) (magħruf ukoll bħala Muhammad, Mohamed, Mohammed, Mohammad) Zafer (ظافر) (magħruf ukoll bħala Dhafer) Mohabak (محبك) (magħruf ukoll bħala Mohabbak, Muhabak, Muhabbak)		Ex-Ministru tal-Ekonomija u l-Kummerċ Barrani. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
163.	Dr. Safwan (صفوان) Al Assaf (العساف)		Ex-Ministru tad-Djar u l-Iżvilupp Urban. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
164.	Eng. Yasser (ياسر) (magħruf ukoll bħala Yaser) Al Siba'ii (السباعي) (magħruf ukoll bħala Al-Sibai, Al-Siba'i, Al Sibaei)		Ex-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
165.	Eng Sa'iid (سعيد) (magħruf ukoll bħala Sa'id, Sa'eed, Saeed) Ma'thi (معـــذى) (magħruf ukoll bħala Mu'zi, Mu'dhi, Ma'dhi, Ma'zi, Maazi) Hneidi (هنيدي)		Ex-Ministru taż-Żejt u r-Riżorsi Minerali. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
167.	Dr. Jassem (جاسم) (magħruf ukoll bħala Jasem) Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) Zakaria (زكريا)	Twieled fl-1968	Ex-Ministru tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
169.	Dr. Adnan (عدنان) Abdo (عبدو) (magħruf ukoll bħala Abdou) Al Sikhny (السخني) (magħruf ukoll bħala Al-Sikhni, Al-Sekhny, Al-Sekhni)		Ex-Ministru tal-Industrija. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
174.	Mohammed (محمد) Turki (تركي) Al Sayed (السيد)		Ex-Ministru tal-Industrija. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
175	Najm-eddin (الدين نجم) (magħruf ukoll bħala Nejm-eddin, Nejm-eddeen, Najm-eddeen, Nejm-addin, Nejm-addeen, Najm-addeen, Najm-addin) Khreit (خريط) (magħruf ukoll bħala Khrait)		Ex-Ministru tal-Istat. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012